# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Gunju tas-sena 2002.**

**Numru 17**

**Avviz numru 347/02/SM**

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Dirk u Fiona Anne konjugi Dowling.**

**vs**

**Paul Caruana**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' komplessiva ta' erbat elef tlieta u sittin lira (LM4,063.00,0) in linea ta' danni minnu kkagunati u minnha sborsati a favur l-assikurati taghha bhala indennizz in segwitu ghal incident awtomobilitiku li gara St. Andrews Road, Bahar ic-Caghaq, fil-31 ta' Awissu 2000 meta waqt li hu kien qed isuq vettura Nru. 445699 habat mal-vettura Nru ABF 517 proprjeta' ta'**

**Dirk u Fiona Anne konjugi Dowling u misjuqa minn Fiona Anne Dowling – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-nofitika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-27 ta' Gunju tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**